**Vakanza ta' l-Impjieg – Assistent Principal fuq bażi full-time fi Skala 13**

*Jobsplus Permit Number 1169/2024*

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija għandu vakanza għal Uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi Full Time fi Skala 13. L-applikanti prospettivi jridu jkun eliġibbli f'waħda mill- kategoriji li ġejjin:

(a) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (sentejn (2) full-time jew ekwivalenti) f'Livell 4 tal-MQF (soġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f'suġġetti fejn il-qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju jkun f'wieħed minn dawn: Public Policy, Management, Business jew Office Administration, Riżorsi Umani, Taħriġ u Żvilupp, Finanzi, Accounts, Ekonomija, Amministrazzjoni Pubblika, Business Studies, Politika Soċjali, Relazzjonijiet tal- Unjoni Ewropea u Internazzjonali, Tekonoloġija tal-Informatika u ICT, Environmental Studies u studji relatati mal-Immanniġġjar tal- Agrikoltura/Manniġġjar tal-Enerġija, Statistika, Built Environment, Project Management, Quality Management, Komunikazzjoni, Soċjoloġija, Procurement, Studji Segretarjali jew suġġetti oħra f'oqsma ta'studju relatat; jew

(b) fil-pussess ta' kwalifika ta' 'A' Level f'Livell 4 tal-MQF (fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'suġġetti relatati. Fil-każijiet imsemmija hawn fuq, l-applikanti għandhom ikunu wkoll fil-pussess ta': i (i) kwalifika li turi li għaddew (tal-inqas fi Grad 1-5,Grad C jew livell komparabbli) f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills, sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta' studji u, jew suġġetti ta''A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF; jew i (ii) kwalifika vokazzjonali f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills bħala taqsimiet ta' studju separati fil- kors segwit, sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil- kors ta'studji u, jew suġġetti ta' 'A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF;

(ċ) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Skrivan Anzjan li l- ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta'sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad;

(d) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Skrivan li l- ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta'tliet (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad; jew

(e) sentejn (2) esperjenza fil-grad ta' Skrivan (Skala 15) ma' Kunsill Lokali u soġġett għal performance sodisfaċenti u għal kwalifiki minimi ta'Skala 15.

L-applikanti li jissodisfaw dawn ir-rekwiziti u li jixtieqxu japplikaw għal din il-vakanza, għandhom jibghatu CV flimkien mal-kopja tac-certifikati rilevanti. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand l-Ufficju tal-KunsillLokali Xewkija indirizzati lis-

Segretarju Ezekuttiv, Kunsill Lokali Xewkija sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 31 ta' Diċembru 2024 f'nofsinhar.